**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Kump Nru 51/2022.

**Il-Pulizija**
(Spett.Bernard C. Spiteri)

Vs

**Jean Claude Hili**

**Illum, 24 ta' Mejju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Jean Claude Hili** ta' 27 sena, iben Marco u Nathalie neè Conti, imwieled il-Pietà nhar it-2 ta' Jannar 1995, u residenti Ta Pennellu, Block A4, Flat 1A, Triq il-Muna, Mellieħa detentur tal-karta tal-identità bin-numru 14795M u akkużat talli nhar it-23 ta' Ottubru 2022, għall-ħabta ta' 10:10pm u fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa r-residenza Block F, Door A, Flat 8, Triq taċ-Ċawla, Rabat Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b' ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè PS820 Jonathan James Vella, PS506 Derick Michael Bugeja u PC1053 Michael Falzon filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

2. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt offiża ħafifa fuq il-persuna ta PS820 Jonathan James Vella, skont kif iċċertifikat it-tabib Rachel Attard M.D. Reg. No 4541 minn l-isptar ġenerali ta' Għawdex;

4. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kkaġunajt ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tas-sieħba tiegħek Romina Cuschieri skont ma ċċertifikat Dr. Rachel Attard M.D. Reg. No 4541 minn l-isptar ġenerali ta' Għawdex;

U aktar talli nhar it-23 ta’ Ottubru 2022 u matul il-ġimgħat u x-xhur ta' qabel ġewwa r-residenza Block F, Door A, Flat 8, Triq taċ-Ċawla, Rabat Għawdex u/jew F'dawn il-Gżejjer:

5. bl-imġiba tiegħek ikkaġunajt lis-sieħba tiegħek Rachel Cuschieri tibża’ li se tintuża vjolenza fuqha jew fuq il-propjetà tagħha;

6. bla b' ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha jew jagħti l-post biex fiħ din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata arrestajt, żammejt jew issekwestrajt li Jason Francis Sultana;

7. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma drabt jew sawwat, heddidt bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabthom jew qbadt armi oħra kontra l-persuna ta' Romina Cuschieri;

8. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamilt inġurji jew theddid bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħek Romina Cuschieri;

9. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għext, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra u ċioè Romina Cuschieri;

10. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta kannabis kollha jew biċċa minnha;

11. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellek fil-pussess tiegħek id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga imsemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta'l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. u aktar talli fl-istess data, xħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga imsemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u

dan bi ksur tar-regoli ta'l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. U aktar talli sirt reċidiv b'diversi sentenzi tal-qrati ta' Malta/Għawdex, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra;

Il-qorti kienet ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xierqa, tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmija b' Romina Cuschieri minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412Ċ tal-Kodici Kriminali u tagħmel ordni ta' protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

F'każ ta' ħtija il-qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Romina Cuschieri, PS820 Jonathan James Vella, PS506 Derick Michael Bugeja u PC1053 Michael Falzon u dan ai termini tal-artikolu 382A u 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-akkużat Jean Claude Hili ammetta għall-akkużi numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa(4), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13) u erbatax (14);

Rat illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa’ lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużati jikkonferma l-ammissjoni tiegħu fir-rigward tal-akkużi numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa(4), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13) u erbatax (14);

Rat id-dokumenti,

Rat il-provi;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi rigward l-akkużi numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa(4), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13) u erbatax (14), il-Qorti ftit għandha xi tgħid ħlief li hija m'għandha ebda raġuni għalfejn tiddubita mill-volontarjetà u l-ispontanjetà tal-ammissjoni tiegħu u b'hekk, abbażi ta' din l-ammissjoni, il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li ssib lill-akkużat ħati ta' dawn l-imsemmija akkużi;

Illi fir-rigward tal-akkużi rimanenti, senjatament l-akkużi numru ħamsa (5), sitta (6), seba' (7), tmienja (8), disgħa (9) u għaxra (10) il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiema.

Illi dawn il-ħames akkużi li ma ġewx ammessi mill-akkużat jirrigwardjaw allegati reati li jeħtieġu x-xhieda tal-parte ċivile peress li dawn biss jistgħu jgħidu tassew x'ġara u ma ġarax. Illi x-xhieda tal-parte civile Romina Cushieri kienet evażiva ħafna u anke xehdet illi hija tixtieq taħfirlu. Di più, hija għażlet ukoll li ma tkomplix tiddeponi sabiex ma tinkriminax lilha nnifisha. Illi fir-rigward ta' dawn l-akkużi, il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tippruvhom sal-grad rikjest mil-liġi u b'hekk ma tistax issib ħtija dwarhom.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti tara li r-reati li tagħhom irreġistra ammissjoni l-akkużat huma reati li twettqu kontra uffiċjali pubbliċi waqt il-qadi ta' dmirhom u propju għaliex kienu qegħdin iwettqu dmirhom. Huwa inaċċettabbli għall-Qorti li persuna tisfa aggredita sempliċiment għax qed twettaq xogħolha. Din l-aggressjoni hija aktar serja meta wieħed iqis li x-xogħol tal-pulizija huwa propju dawk li jaċċertaw is-sigurtà tas-soċjetà u l-persuni li jeħtieġu l-għajnuna tagħhom. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti tqis li piena karċerarja hija waħda ideonea.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 49, 50, 95, 96, 214, 221, 222, 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 8(d), 22(2)(b)(ii) u l-Ewwel Taqsima tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Jean Claude Hili <u>ħati</u>** tal-akkużi numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa(4), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13) u erbatax (14) u tikkundannah għal żmien **sena (1)** priġunerija effettiva kif ukoll għal multa ta' erbat' elef ewro (€4,000), filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija tal-akkużi.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-oġġetti elevati mill-pulizija eżekuttiva u li għandhom x'jaqsmu mal-abbuż tad-droga.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**